Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 6 ta' Ġunju 2017
(OR. en)

10031/17

Fajl Interistituzzjonali:
2012/0193 (COD)

DROIPEN 83
JAI 579
GAF 26
FIN 353
CADREFIN 68
FISC 126
CODEC 995

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	16 ta' Mejju 2017
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2017) 246 final
Suġġett:	KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW skont l-Artikolu 294(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea dwar pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari għall-adozzjoni ta' Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra l-frodi li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2017) 246 final.

Mehmuż: COM(2017) 246 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 16.5.2017
COM(2017) 246 final

2012/0193 (COD)

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW

skont l-Artikolu 294(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

dwar

pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari għall-adozzjoni ta' Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra l-frodi li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali

2012/0193 (COD)

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW

skont l-Artikolu 294(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

dwar

pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari għall-adozzjoni ta' Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra l-frodi li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali

1. L-ISFOND

Id-data meta l-proposta ġiet trażmessa lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (id-dokument COM(2012) 363 final – 2012/193 COD):	il-11 ta' Lulju 2012
Id-data tal-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew:	mhux applikabbli
Id-data tal-opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni:	it-18 ta' Diċembru 2012
Id-data tal-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-ewwel qari:	is-16 ta' April 2014
Id-data tal-adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill, l-ewwel qari:	il-25 ta' April 2017

2. L-GĦAN TAL-PROPOSTA TAL-KUMMISSJONI

L-għan tal-abbozz ta' Direttiva huwa li jiġu stabbiliti regoli minimi dwar id-definizzjoni ta' reati kriminali, sanzjonijiet u perjodi ta' preskrizzjoni fil-qasam tal-ġlieda kontra l-frodi u attivitajiet illegali oħra li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, bil-ħsieb li jingħata kontribut effettiv għal protezzjoni aktar qawwija kontra r-reati li jaffettwaw dawk l-interessi finanzjarji, f'konformità mal-acquis tal-Unjoni f'dan il-qasam. Id-Direttiva se ttejjeb il-livell ta' protezzjoni li jeżisti attwalment abbażi tal-Konvenzjoni tal-1995 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej ("il-Konvenzjoni")[1], li se tiġi sostitwita b'din id-Direttiva għall-Istati Membri li huma marbuta biha.

3. KUMMENTI DWAR IL-POŻIZZJONI TAL-KUNSILL

Fir-rigward tad-dispożizzjonijiet sostantivi tad-Direttiva, il-Pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari tirrifletti l-kompromess li ntlaħaq matul in-negozjati bejn il-Kunsill u l-Parlament Ewropew, iffaċilitati mill-Kummissjoni.

Il-Pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari żżomm l-objettivi tal-proposta tal-Kummissjoni kompletament. Apparagun tal-Konvenzjoni, id-Direttiva se tipprovdi regoli aktar ċari u riġidi dwar għadd ta' kwistjonijiet importanti. Fir-rigward tad-definizzjoni tar-reati kriminali, id-

[1] ĠU C 316, 27.11.1995, p. 48.

Direttiva tipprovdi definizzjonijiet aġġornati ta' korruzzjoni attiva u passiva, reat ġdid ta' miżappropriazzjoni, li jkopri l-imġiba tal-uffiċjali pubbliċi li tmur lil hinn minn sempliċi mġiba frodulenti u definizzjoni aġġornata ta' uffiċjali pubbliċi.

Barra minn hekk, kuntrarjament għall-fehma inizjali tal-Kunsill li l-frodi tal-VAT tkun eskluża mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva, il-Pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari issa tinkludi fid-Direttiva r-reat ta' frodi serja tal-VAT, permezz ta' liema l-Istati Membri se jkollhom jieħdu passi kriminali għall-inqas kontra reati ta' frodi fil-konfront tas-sistema tal-VAT komuni meta dawn ikunu marbuta mat-territorju ta' żewġ Stati Membri jew aktar u jkunu jinvolvu dannu totali ta' minn tal-inqas EUR 10 miljun. Mill-bidu nett, il-Kummissjoni kienet tal-fehma li l-frodi tal-VAT għandha taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva, kif inhu l-każ bħalissa għall-Konvenzjoni[2]. L-inklużjoni fid-Direttiva ta' minn tal-inqas il-każijiet serji ta' frodi tal-VAT transfruntiera hija essenzjali għall-Kummissjoni sabiex ma jsir l-ebda pass lura mil-livell ta' protezzjoni tal-Konvenzjoni u sabiex l-istandards minimi għall-każijiet ta' frodi tal-VAT jibqgħu jiġu żgurati madwar l-Unjoni kollha u b'hekk tkun żgurata l-istess protezzjoni u protezzjoni aħjar tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Il-Kummissjoni taċċetta l-fatt li mhux il-każijiet kollha ta' frodi tal-VAT huma koperti fid-Direttiva, iżda huma koperti biss il-każijiet ta' frodi serja tal-VAT u tinnota li l-livell limitu ta' 10 miljuni huwa soġġett għal klawsola ta' reviżjoni.

Fir-rigward tas-sanzjonijiet, id-Direttiva tarmonizza s-sanzjonijiet kriminali massimi għall-persuni fiżiċi, inkluża piena massima ta' minn tal-inqas erba' snin ħabs, meta r-reati msemmija fid-Direttiva jkunu jinvolvu dannu jew vantaġġ konsiderevoli jew meta ċirkostanzi serji oħra definiti fil-liġi nazzjonali jkunu jiġġustifikaw tali sanzjoni.

Filwaqt li fil-Konvenzjoni ma kien hemm l-ebda ħjiel dwar il-kwistjoni tal-perjodi ta' preskrizzjoni, id-Direttiva tintroduċi ġabra ġdida u vinkolanti ta' regoli dwar il-perjodi ta' preskrizzjoni, inklużi dispożizzjonijiet dwar il-ksur u s-sospensjonijiet, fir-rigward tar-reati kriminali li jolqtu l-baġit tal-Unjoni. Din il-ġabra ta' regoli se tippermetti lill-awtoritajiet ġudizzjarji u dawk tal-eżekuzzjoni tal-liġi li jinvestigaw ir-reati inkwistjoni, jieħdu passi legali kontrihom u jiddeċiedu dwarhom, kif ukoll li jiżguraw l-eżekuzzjoni tas-sanzjonijiet imposti.

Sa fejn għandha x'taqsam il-bażi ġuridika, il-proposta tal-Kummissjoni kienet ibbażata fuq l-Artikolu 325(4) TFUE, filwaqt li l-Kunsill u l-Parlament Ewropew qablu li l-Artikoli 83(1) u 83(2) TFUE għandhom ikunu l-bażi ġuridika xierqa sabiex ikunu stabbiliti regoli minimi fir-rigward tad-definizzjoni ta' reati kriminali u sanzjonijiet, inklużi reati fil-qasam tal-ġlieda kontra l-frodi li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. B'hekk, il-Kunsill adotta fl-ewwel qari l-abbozz ta' Direttiva abbażi tal-Artikolu 83(2) TFUE.

Fid-dawl ta' dak li ntqal aktar 'il fuq, il-Kummissjoni ddikjarat dan li ġej fil-Kunsill tas-7 ta' Frar 2017, meta l-Kunsill laħaq ftehim politiku dwar id-Direttiva u fil-25 ta' April 2017 meta l-Kunsill adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari:

"Għalkemm ma għandha l-ebda oġġezzjoni dwar id-dispożizzjonijiet sostantivi tad-Direttiva, il-Kummissjoni hija tal-fehma li din kellha tkun ibbażata fuq l-Artikolu 325 TFUE u tirriżerva d-dritt tagħha li tibda proċedimenti ġudizzjarji dwar il-bażi ġuridika quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja."

[2] Dan ġie kkonfermat mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tagħha tat-8 ta' Settembru 2015, Taricco, C-105/14.

4. IL-KONKLUŻJONI

Għaldaqstant, il-Kummissjoni tappoġġa l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari fir-rigward tad-dispożizzjonijiet sostantivi tad-Direttiva. Madankollu, il-Kummissjoni hija tal-fehma li d-Direttiva kellha tkun ibbażata fuq l-Artikolu 325 TFUE u tirriżerva d-dritt tagħha li tibda proċedimenti ġudizzjarji dwar il-bażi ġuridika quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.